MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 192/2013

**A B**

***vs***

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-kontendenit zzewgu nhar l-erbatax (14) ta’ Settembru elf disgha mija u wiehed u disghin (1991) Dok B;

Illi l-kontendenti ilhom separate de facto minn ftit qabel ma gie ppubblikat il-kuntratt ta’ separazzjoni ta’ bejniethom ossija dak in atti tan-Nutar Dottor Nicholas Briffa datat wiehed u ghoxrin (21) ta’ Mejju elfejn u tnejn (2002) Dok B;

Illi l-manteniment kif patwit fil-kuntratt precitat dejjem thallas u ma hemm l-ebda problema dwar dan;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli illi ikun hemm rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti, stante illi apparti li ilhom diversi snin jghixu separatament, presenzjalment it-tnejn ghandhom il-hajja separata taghhom;

Illi l-fatti su riportati jissodisfaw il-kwesiti ghall-ottjeniment tal-hall miz-zwieg a tenur tal-artikoli 66A et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti;
2. Torda lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien kontemplat jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-digriet tad-Divorzju sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' April, 2013;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta' Mejju 2002 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprovat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------